MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 28/2017

It-Tlieta 25 ta' Lulju 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-7.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Iċ-Chairperson qalet li l-membru s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 27/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

28.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

28.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

28.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 28.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

28.3.1 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li saret il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn ġew diskussi diversi materji fuq Marsalforn. Fost l-oħrajn issemmiet il-problema tal-iskart fejn reġa ġie kkonfermat li ssir it-tieni ġabra li ser tkun imħallsa mill-Ministeru. Il-Kumitat ser jibda jiġbor l-iskart kuljum, jiġifieri mit-Tnejn sal-Ħadd. F'din il-laqgħa il-Kumitat enfasizza għal aktar ħaddiema u ntalbu tlieta oħra. Is-Sindku qal illi huwa kellu laqgħa mal-Enġinier Bajada u uffiċċjali oħra dwar il-ħaddiema. Huwa qal illi attenda għall-laqgħa biex Marsalforn ikollu aktar ħaddiema u mhux biex jirraporta lill-ħaddiema kif irriżulta f'din il-laqgħa. Is-Sindku qal illi mhux ser jattendi laqgħa li ser tiġi organizzata mir-Reġjun t'Għawdex dwar dan is-suġġett għal din ir-raġuni.

28.3.2 Il-Ministru għal Għawdex ssuġġeriet illi għandu jsir esperiment u jitneħħa *skip* minnhom u wieħed jara l-andament tal-indafa fin-nuqqas ta' dan. Għal din ir-reazzjoni l-membri preżenti, ħlief il-membru Sandra Grech, ma qablux.

28.3.3 Il-Ministru talbet ukoll fl-istess laqgħa sabiex il-Kumitat jidentifika erba' toroq l-aktar li huma fi stat ħażin. Il-Kumitat qabel fuq dawn it-toroq:

- Triq Għar Qawqla
- Triq ix-Xagħra
- Triq il-Qbajjar ; u
- Parti minn Triq Santa Marija.

## 28.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

28.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Membri.

## 28.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

28.5.1 Il-Kumitat unanimament qabel illi:

- Issir *Stop Sign* mal-art fit-tarf ta' Triq in-Naħla;
- Jinstab rimedju sabiex tiġi ttrimjata siġra li hemm f'*pot* fuq bankina fi Pjazza San Pawl peress li hija perikoluża; u
- Titranġa s-*slipway* fejn tkissret minn mastrudaxxa.

28.5.2 Ilment nru. KAM 17/2017 – V Cassar
Biex isiru *double yellow lines* li kienu eżistenti qabel ma saret it-triq fil-kantuniera ta' Triq il-Port ma Triq il-Forn. Il-Kumitat qabel illi l-proġett qed isir min-naħa tal-Ministeru, għaldaqstant irid jitwettaq minnu dan l-ilment.

28.5.3 Ilment nru. KAM 18/2017 – P Said
Ilmenta li fi Triq Għar Qawqla hemm *belvedere* li għandu *railing* ilu ma jinżebagħ. Ilmenta wkoll dwar ħmieġ tal-klieb u nuqqas ta' knis fl-istess triq. Għandu jsir kuntatt mal-Ministeru biex tinġibed l-attenzjoni ta'

dan l-ilment.

28.5.4 Ilment nru. KAM 19/2017 – G Cefai
Talbet biex isiru *double yellow lines* fi Triq ta' Barda ma' St. Mary Flats. Iċ-Chairperson ser tmur fuq il-post biex tiċċekkja x'għandha bżonn eżatt.

28.5.5 Ilment nru. KAM 20/2017 – D Zerafa
Ilmenta li l-ġirien tal-*flat* tiegħu fi Triq is-Sajjied qed iħallu ż-żibel taħt it-tieqa tal-proprjeta tiegħu minkejja li hemm tabella li ma tistax tagħmel dan. Issuġġerixxa biex issir *camera* ta' sorveljanza u jiġu avżati r-residenti biex iħallu l-boroż taż-żibel wara l-bieb tagħhom. Il-Kumitat qabel illi dan mhux possibbli li jsir u avviżi biex kulħadd iħalli r-*rubbish* wara biebu jintbagħtu kontinwament mill-Kunsill.

28.5.6 Ilment nru. KAM 21/2017 – Contracts Manager
Issuġġerixxa li jitħawlu siġar fi *planters* vojta li jinsabu fi Triq Santa Marija. Wara diskussjoni l-Kumitat qabel illi idealment fil-post imsemmi titwessa l-bankina.

28.5.7 Ilment nru. KAM 22/2017 – J Gatt
Talab sabiex isiru *double yellow lines* faċċata ta' Port Mansion's Crt fi Triq is-Sajjied. Il-Kumitat ma qabilx.

28.5.8 Ilment nru. KAM 23/2017 – J Schembri
Talab għal *double yellow line* quddiem erba' filati ħajt fi Triq is-Sajjied mill-bank sal-kantuniera tat-triq. Il-Kumitat ma qabilx peress li jekk isiru dawn id-*double yellow lines*, il-Kumitat qed ikun iżid il-problema ta' parkeġġ.

28.5.9 Ilment nru. KAM 24/2017 – F Scicluna
Ilmenta bil-ħofor li hemm fi Triq Għar Qawqla. Ser tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

28.5.10 Ilment nru. KAM 25/2017 – D Aquilina
Talbet li tingħata attenzjoni mmedjata l-parti ta' ħdejn 'Il Gambero' peress li tiżloq u perikoluża. Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-parti ssir bl-*istencil concrete* meta jkun hemm fondi. Dwar l-istess parti ntbagħtet *email* mingħand l-Ispettur B Spiteri fejn issuġġerixxa li din issir *pedestrian zone*. Il-Kumitat qabel.

28.5.11 Ilment nru. KAM 26/2017 – D Cordina
Talab biex jitranġaw il-gradi li hemm matul il-bankina fi Triq Frank Debono. Il-Kumitat qabel illi dawn jitranġaw mill-kuntrattur responsabbli mill-bankini.

28.5.12 Ilment nru. KAM 27/2017 – D Cordina
Talab illi jsir *fence* fil-parti ta' fejn hemm it-*turf* fil-*promenade* biex meta t-tfal ikunu jilgħabu bil-ballun jiġi evitat il-periklu. Il-Kumitat qabel illi għandu jittieħed parir professjonali kif jista jiġi mnaqqas il-periklu.

28.5.13 Is-Sur M Galea kiteb dwar il-problema li qed isib biex joħroġ minn ġol-garaxx li għandu fi Triq Santa Marija minħabba pparkjar ta' vetturi oħra. Il-Kumitat qabel illi jsir *double yellow line* ta' metru ma' kull naħa tal-entratura tal-garaxx.

28.5.14 Korrispondenza mid-Djoċesi t'Għawdex sabiex tiġi ri-installata lampa li hemm fi Triq Għar Qawqla ma' residenza li tappartjeni lill-Kurja li tneħħiet sakemm sar it-twaqqiegħ ta' din il-proprjeta. Għandu jsir kuntatt ma' Galea Curmi Engineering biex jiġi riżolt dan il-każ.

28.5.15 *Email* mingħand K Gauci li kiteb f'isem ir-residenti ta' Triq is-Salini sabiex issir il-bankina quddiem il-proprjetajiet f'din it-triq. Il-Kumitat qabel illi ssir *site visit* mal-Perit.

28.5.16 Korrispondenza mingħand T Hili dwar Triq il-Wied. Is-Sur Hili semma li dawn l-aħħar sentejn Triq il-Wied ma ngħalqitx bħas-snin ta' qabel fix-xhur tas-sajf wara s-sebgħa. Iċ-Ċhairperson qalet illi Triq il-Wied dejjem ingħalqet fix-xhur tas-sajf. Is-Sur Hili staqsa kif minn Triq Għar Qawqla sat-tarf tal-Qbajjar hemm dwal kemm trid b'kuntrast qawwi mal-wied fejn ma hemmx bozza waħda. Il-Kumitat għandu jiddiskuti x'jista jsir fir-rigward tad-dwal ma' Galea Curmi Engineering.

28.5.17 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kumitat illi l-Ministru m'għandu ebda oġġezzjoni li tintuża l-istemma mill-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn.

28.5.18 Transport Malta kitbet lill-Kumitat dwar permess għal *Reserved Parking* għal Keith Sultana, persuna b'diżabilità, quddiem il-proprjeta 'Madonna ta' Pinu' fi Triq il-Wied. Il-Kumitat approva dan il-permess.

28.5.19 Transport Malta kitbet ukoll lill-Kumitat dwar l-eliġibilita għall-parkeġġ riservat fi Triq Barda tas-Sur John Scicluna għall-perjodu bejn Ġunju u Settembru.

28.5.20 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet kopja t'ittra li rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem *Pizza Stop Kiosk* fil-Qbajjar *Promenade*.

28.5.21 Dwar it-talba għall-*floodlight* ġdida f'Għar Qawqla Galea Curmi Engineering qalu li teżisti problema peress li mhemmx dawl fejn trid issir. Hemm bżonn illi ssir trinka. Il-Kumitat iddeċieda illi jiddiskuti din il-materja aktar 'l quddiem.

28.5.22

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Alfred Grech għan-nom tal-Leġjun ta' Marija għal Manifestazzjoni Marjana l-Ġimgħa, 25 t'Awwissu 2017. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| Attivita fi Triq il-Port mill-Band Novel fit-3 ta' Settembru 2017 organiżżata mil-Uffiċċju tal-Kultura. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 28.6 Mozzjonijiet

28.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 28.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.7.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fid-9.10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 t'Awwissu 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 t'Awwissu 2017.

*Iffirmata*
Marija Saliba
Chairperson

*Iffirmata*
Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv